# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 278/2015**

Il-Pulizija

vs

**Johann Azzopardi**

iben Joseph, imwieled Pieta', fl-4 ta' Frar, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 106880(M)

Illum, 13 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Johann Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'Novembru 2014 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil Abigail Fiorini u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Johann Azzopardi pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tal-20 ta' Mejju 2015 in kwantu sabet lill-esponent hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u htija, u f'kull kaz tirriduci l-piena nflitta fis-sens u ghar-ragunijiet fuq esposti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Fl-ewwel lok, il-kontravvenzjoni taht l-artikolu 338(z) tirreferi ghal kull minn, "*meta hekk ordnat minn xi qorti...<u>jonqos li jaghti lil xi persuna</u>, is-somma ffissata minn dik il-qorti...bhala manteniment*". Fil-perjodu tal-akkuza l-esponent ma naqas milli jobdi ebda ordni mill-qorti.

L-esponent qatt ma gie notifikat bl-ordni tal-Qorti Civili. Biex il-Qorti ssib htija kontra l-esponent taht l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, l-prosekuzzjoni ghandha tipprova li l-imputat kien **ordnat minn xi qorti** jew intrabat b'kuntratt li **jaghti manteniment** lil martu u li naqas li jhallas dik is-**somma ffissata mill-qorti** jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment **fi zmien hmistax-il jum** minn dak il-jum li fih **skont dik l-ordni** jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Jirrizulta li l-esponent qatt ma gie notifikat fl-indirizz tieghu, la bir-rikors promotur li a bazi tieghu, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat manteniment ta' €400 kull xahar u li a bazi tieghu, l-istess esponent instab hati fis-sentenza appellata. Lanqas ma gie notifikat bid-digriet tal-ordni u ghalhekk ma seta' qatt ikun jaf li kien jezisti ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-manteniment.

Huwa evidenti li dak li l-legislatur ried jippunixxi bl-artikolu 338(z) mhux in-nuqqas ta' hlas tal-manteniment per se' (fliema kaz seta' japplika l-artikolu 338(y)) izda in-nuqqas ta' ubbidjenza ta' l-ordni emanat mill-Qorti (jew l-obbligu assunt direttament b'kuntratt). La darba qed tigi punita d-disubbidjenza ghall-ordni, jinkombi fuq il-prosekuzzjoni jew il-parte civile tipprova li l-Qorti

emanat dak l-ordni, li dak l-ordni sar fil-konfront tal-imputat, li dak l-ordni gie debitament notifikat skont il-ligi lill-imputat, kif ukoll li dak l-ordni kien ikopri wkoll iz-zmien li ghalih tirreferi l-akkuza. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti naqset milli taghraf l-assenza ta' wiehed jew iktar elementi tar-reat. Ghalhekk, l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-esponent hati tal-akkuza migjubha kontrih peress li fil-perjodu tal-akkuza l-'ordni tal-qorti' skond l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali ma kienx fil-konfront tal-esponent.

Ordni biex taghmel sens u issir gustizzja, trid tasal ghand min irid jesegwiha, u trid tasal minghand min jaghmel l-ordni u bil-forom li trid il-ligi. Ghalhekk fil-kaz prezenti, kellha ssir il-prova mhux biss li nghata digriet *in camera*, izda li dak id-digriet bl-ordni tal-Qorti lill-esponent gie effettivament notifikat lil min kien indirizzat biex jobdih. U din il-prova kellha taghmilha l-prosekuzzjoni. Din il-prova ma saritx u effettivament dak id-digriet tal-Qorti Civili qatt ma gie notifikat lill-esponent.

Konsegwentement, minghajr pregudizzju ghal kunsiderazzjonijiet ohra, il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx issib lill-esponent hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda kellha tilliberah minn kull akkuza u htija.

2. Inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jinsab fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment kif stabbilit mill-Qorti Civili. L-esponent huwa dizokkupat, qed jirregistra mal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig u diga' ghandu ordni mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li mic-cheque tal-ghajnuna ghall-qaghad jinqataghlu l-manteniment dovut lil iben iehor li huwa ghandu minn mara ohra. Wara li tinqata' s-somma ta' €180 mic-*cheque* tar-relief, l-esponent jifdallu f'idejh €54. Dan kollu gie spjegat mill-esponent quddiem l-Ewwel Qorti, li pero', skartat ghal kollox l-impossibilita' tal-esponent li jhallas is-somma ta' €400 minn €54, kif ukoll il-fatt li l-istess esponent kien qieghed fil-process li jitlob is-sospensjoni u/jew varjazzjoni tal-manteniment mertu ta' din il-kawza. Konsegwentement l-ewwel qorti ma setghetx issib lill-esponent hati peress li *nemo tenetur ad impossibilia*.

3. In kwantu kontravvenzjoni, l-ewwel qorti kienet zbaljata meta sabet lill-esponent hati stante li mhemmx il-volontarjeta' tal-fatt: element kostituttiv ghas-sejba ta' imputabilita' f'kaz ta' kontravvenzjoni.

Kif hawn fuq spjegat, l-esponent ma seta' qatt jigi meqjus li kellu l-volontarjeta' tal-fatt, peress li kien fl-impossibilita' li jaghzel jikkommettix jew le il-kontravvenzjoni li taghha gie misjub hati.

Bhalma ntqal fis-sentenza **Pulizija v. Anthony Mallia**, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fl-24 ta' Frar 1960: "*Trattandosi ta' kontravvenzjonijiet, hu ormaj pacifikament rikonoxxut fid-dottrina u fil-gurisprudenza li ghall-imputabbilita' bizzejjed il-volontarjeta' tal-fatt. Huwa bizzejjed, cjoe', illi* ***l-imputat kien kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali****, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-koxjenza tal-illegittimita' tal-fatt stess. Jekk l-imputat ried il-fatt biss, allura l-imputat ikun fi stat kontravvenzjonali (ara Vol. XXIX-IV-553; u Vol. XXX-IV-539)*". L-istess inghad fis-sentenza **Pulizija v. Raymond Parnis**, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Gunju 2011.

Huwa evidenti li fil-perjodu indikat fl-akkuza, l-esponent mhux biss ma kienx jaf bit-talba tal-kwerelanta u bl-ordni tal-Qorti, izda kien, kif ghadu sallum, minghajr ebda introjtu, u ighix biss fuq l-ghajnuna tas-siehba tieghu. Ghal din ir-raguni wkoll, qatt ma seta' javvera r-reat li tieghu l-esponent gie misjub hati u din il-Qorti ghandha tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponent.

4. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet ga maghmula l-esponent jissottometti bir-rispett li l-piena nflitta ma kienitx applikabbli u f'kull kaz kienet wahda eccessiva.

L-akkuza taht l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali ggorr il-piena normali tal-kontravvenzjoni. Hija biss f'kaz ta' recidiva f'kontravvenzjoni taht l-istess akkuza li l-hati jista' jehel piena ta' detenzjoni ta' mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahrejn. Ghalhekk il-piena nflitta ma setghetx tinghata fil-kaz ta' l-ewwel kundanna taht il-kontravvenzjoni in kwistjoni, kif inhu dan il-kaz. L-Ewwel Qorti setghet facilment mehud kont tac-cirkostanzi sfortunati kollha ta' dan il-kaz, tapplika l-artikoli 28A et

sequitur tal-Kodici Kriminali jew l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li kienu pienament a disposizzjoni taghha. Ghalhekk, minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq gja' sottomess, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tinfliggi piena ta' detenzjoni izda jekk xejn kellha tapplika piena alternattiva fl-isfond tal-fatti kollha kif hawn fuq spjegat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2017 din il-Qorti giet infurmata mill-partijiet li l-appellant hallas dak kollu dovut lill-parte civile.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Johann Azzopardi fil-meritu. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok piena ta' gimgha detenzjoni, tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.